MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 264/2006

**Mary-Anne Munzone**
**vs**
**Silvio Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Marzu, 2006, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sebgha u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm847.40), rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti mill-konvenut in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond Frontline, C&G Mansions, Mosta Road, San Pawl il-Bahar, kif ukoll konsum ta' dawl u ilma fl-istess fond.**
**Minkejja li l-konvenut gie interpellat bonarjament sabiex jersaq ghall-hlas huwa baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez, inkluzi: i. dawk tal-ittra bonarja datata 7 ta' Frar, 2006 ; ii. Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 595/2006 ipprezentat fit-13 ta' Marzu, 2006 ; iii. L-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment**

**mibghuta lis-sekwestratarju msemmija fl-istess mandat ; u bl-imghax legali mit-13 ta' Marzu, 2006, li hija d-data tal-prezentata tas-sekwestru fuq imsemmi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Mejju, 2006, fejn intqal illi l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv.**
**Illi l-attrici trid iggib il-prova ta' liema ammonti jikkorrispondu ghall-kera u liema ammonti jikkorrispondu ghad-dawl u l-ilma.**
**Illi l-attrici trid ukoll iggib prova li hija diga hallset il-kont tad-dawl u l-ilma.**
**Bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Mary Anne Munzone. Ha konjizzjoni tad-dokumenti eseibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. illi f'dan il-kaz xehedet biss l-attrici u konfermat l-ammont dovut.**
**2. Hi esebiet d-Dok.A sa Dok.D li huma l-kontijiet li hallset tad-dawl u ilma fl-ammont ta' sebgha u erbghin liranu erbghin centezmu (Lm47.40).**
**3. Hi ikkonfermat li l-kera kienet ta' mitt lira fix-xahar. Il-konvenut kien hallas mitt lira (Lm100) qabel ma nfethet il-kawza. Huwa halla l-affarijiet fil-post u ghalhekk l-attrici mhix f'posizzjoni li tikrih. Ghalhekk l-ammont jirrizulta pruvat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm847.40) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-13 ta' Marzu, 2006.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 7 ta' Frar, 2006 ; tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 595/2006 ipprezentat fit-13 ta' Marzu, 2006; u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mibghuta lis-sekwestratarju**

**msemmija fl-istess mandat, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------